Max Farrugia



# Id-devozzjoni Marjana f'Malta u lejn il-Madonna Addolorata

Id-devozzjoni lejn il-Madonna u l-kult Marjan minn dejjem kienu qawwija ħafna f'pajjiżna. Tant li x-xhur ta' Mejju u Ottubru huma ddedikati l-Ommna Marija u t-talba tar-Rużarju. Fl-antik l-Erbgħat u s-Sibtijiet ta' dawn ix-xhur kienu ġranet ta' talb u penitenza. F'diversi bliet u rħula f'Malta u f'Għawdex għaqdiet li jħaddnu devozzjoni partikulari lejn il-Madonna jinġabru fi gruppi biex ifaħħru u jqimu lil Marija permezz tat-talba tar-Rużarju, kant u tifħir Marjan. Ħafna huma dawk li jġorru fuqhom u anki fuq uliedhom domna tal-Madonna biex tħarishom minn kull deni li jistgħu jiltaqgħu miegħu matul il-ġurnata. Ħames posti Rużarju f'ħafna djar Maltin ma jonqsux li jgħidu wkoll. Ħafna huma dawk b'mod speċjali fuq il-postijiet tax-xogħol li fit-tmienja ta' filgħodu u f'nofsinhar jieqfu għal ftit ħin biex flimkien jgħidu talba żgħira u l-Angelus.

Id-devozzjoni Marjana nistgħu ngħidu tinsab imferrxa sewwa kważi f'kull belt u raħal tal-Gżejjer Maltin. Saħansitra nsibu kappella ddedikata lill-Madonna fuq il-gżira żgħira ta' Kemmena u fl-antik kien hemm waħda fuq il-gżira ta' Filfla. F'Malta nsibu 'il fuq minn 350 knisja jew kappella bi kważi nofshom ddedikati lill-Madonna taħt titli differenti. L-aktar titlu li jispikka sa mill-antik huwa bla dubju ta' xejn dak ta' l-Assunta. Għalkemm insibu numru konsiderevoli ta' titli oħra, Marija, Omm Ġesù Kristu u Omm il-bnedmin tad-dinja kollha tibqa' waħda.

Insibu li wara s-seklu erbatax, it-titli Marjani bdew jieħdu xejra differenti. Ma baqgħux sempliċiment jissejħu Santa Marija biss. Dan il-fenonimu mhux hawn Malta biss seħħ imma anki f'pajjiżi oħra li kienu kattoliċi fil-madwar tagħna.

Din id-devozzjoni lejn il-Madonna tkompliet tinfirex permezz ta' numru kbir ta' statwi u niċeċ fit-toroq tal-irħula u l-ibliet Maltin. Twaqqfu numru kbir ta' fratellanzi ddedikati lill-Madonna, b'kollox sebgħa u sebgħin. Dawn insibuhom taħt titli differenti. L-istess nistgħu ngħidu għall-purċissjonijiet li jsiru ad unur Marija Santissima, speċjalment bil-purċissjonijiet li jsiru matul ir-Randan, Ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira li hija magħrufa bħala l-purċissjoni tad-Duluri li jsiru mhux f'belt jew raħal wieħed imma f'diversi.

Xhieda ta' din l-imħabba u devozzjoni Marjana huma l-għaqdiet u l-gruppi li ġew imwaqqfa biex ixerrdu din id-devozzjoni fost il-poplu tagħna. Dawn l-għaqdiet u gruppi dawn l-aħħar snin komplew jiżdiedu ma' dawk li diġa kienu jeżistu mill-inqas sebgħin sena ilu. Dan l-aħħar nibtu ħafna gruppi ta' individwi fil-parroċċi li mill-inqas jiltaqgħu darba fil-ġimgħa b'mod speċjali l-Erbgħa jew il-Ġimgħa biex flimkien jitolbu u jfaħħru lill-Madonna.

Dan il-kult Marjan fostna l-Maltin ikompli juri s-saħħa tiegħu permezz ta' mijiet kbar ta' poeżiji u kotba li nkitbu kemm bil-Malti kif ukoll b'ilsna oħra u ġew stampati lokalment.



*Knisja tal-Ħniena - Il-Qrendi*

Ħalli nsemmi ftit avvenimenti li forsi mhux kulħadd sema' bihom. Bejn is-sena 1467-1470 kien hawn nuqqas ta' xita u nixfa kbira li għamlet ħsarat kbar. Il-Maltin daru lejn il-Madonna tal-Mellieħa talbu bil-qalb u niżlet xita bl-abbundanza. L-istess kien ġara 1640 waqt nixfa oħra kbira. Fiż-żewġ okkażżjonijiet kienu ġew organizzati velji ta' talb u purċissjonijiet. Interveniet f'diversi gwerer, u l-Maltin rebħu fuq l-għadu. Fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt kien hawn ġuħ kbir minħabba nuqqas kbir ta' qamħ. Il-Gran Mastru personalment talab quddiem il-Madonna ta' Filermo fil-Kattidral ta' San Ġwann, bagħat ix-xwieni tal-Ordni jattakkaw żewġ portijiet li kienu qed iżommu t-tagħbija milli tiġi hawn Malta, dawn kienu Patras u Lepanto u minn hemm irnexxilhom iġibu l-qamħ.

Il-ħafna kwadri ex-voto li jinsabu fil-knejjes tal-Madonna tal-Ħerba Birkirkara, tal-Ħlas Ħal Qormi, fis-santwarju ta' Ħaż-Żabbar, fil-knisja tal-Ħniena fil-Qrendi, fil-knisja tal-Minsija, San Ġwann, u oħrajn huma xhieda kbira ta' grazzi maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna f'Malta filwaqt li Għawdex hemm ta' Lourdes, ġo l-Imġarr, Ta' Pinu fl-Gharb, u Santa Marija tal-Qala. Insemmu wkoll li l-Madonna wriet ukoll li hija l-fejqan tal-Morda meta għal diversi drabi Malta ġiet milquta mill-pesta fosthom fl-1675 u 1813. Dejjem sibna lil Marija Santissima sejf u tarka tagħna f'kull gwerra.

Huwa dokumentat li mill-inqas f'Malta u Għawdex hawn qrib it-80 fratellanza taħt xi isem tal-Madonna. L-aktar popolari huma dawk tar-Ružarju, 36 b'kollox, imbagħad hemm tad-Duluri, tal-Kunċizzjoni u tal-Karmnu. Anki f'Ghawdex il-fratellanzi huma popolari ukoll u nsibu tnax-il waħda.

Ma nistax qabel nitkellem dwar id-devozzjoni u l-Kult lejn Marija Addolorata ma nsemmix li Marija Santissima hija il-Patruna speċjali ta' Malta u Għawdex. Mhux ta' b'xejn li fil-15 ta' Mejju 1848, l-Isqof Publiju Sant, li kien devot kbir ta' Marija Santissima, wara talba li huwa stess kien għamel lill-Papa, qara Brevi Apostoliku li bih il-Qdusija tiegħu l-Papa Piju IX għoġbu jaħtar u

jiddikjara lill-Marija Santissima Patruna Speċjali ta' Malta u Għawdex, peress li dak iż-żmien iż-żewġ gżejjer kienu djoċesi waħda. Dan il-Brevi Apostoliku kien inqara propjament fil-Kattidral ta' Malta fil-jum tal-ingress solenni tiegħu. Dan il-Brevi Apostoliku li jinsab fl-arkivju tal-Isqof Sant huwa iffirmat mill-Kardinal Lambruschini u jġib id-data tat-12 ta' Frar 1848.

Fost l-ewwel 10 parroċċi li twaqfu uffiċjalment mill-Isqof Senatore De Mello fl-1436 minbarra it-tnejn li kienu diġa jeżistu, 3 minnhom kienu ddedikati lill-Madonna. Dawn kienu tal-Mellieha, ta' Bir Miftuh u tan-Naxxar. Il-Parrocci Marjani baqgħu jiżdiedu u nistgħu ngħidu li kważi nofs il-parroċċi Maltin huma ddedikati lill-Madonna.

## Id-devozzjoni lejn Maria Addolorata fil-gżejjer Maltin

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu Maria Addolorata bdiet dieħla b'certa qawwa ġewwa l-Ewropa għall-ħabta ta' nofs is-seklu ħmistax, tant li nsibu li l-ewwel festa li hija dokumentata saret fl-1423 ġewwa Cologne il-Ġermanja. Fl-Italja minn fejn ħadna ħafna mill-kultura u t-tradizzjonijiet tagħna kienet fl-aqwa tagħha f'nofs is-seklu ta' wara u fi ftit tas-snin id-devozjoni lejn Marija Addolorata qabdet ritmu tajjeb f'pajjiżna wkoll.

Waħda mill-ewwel referenzi fejn tissemma il-Madonna tad-Duluri f'Malta hija ġewwa il-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fejn f'nofs is-seklu sittax kien hemm kwadru titulari fuq l-injam fil-knisja parrokkjali l-antika ta' dan ir-raħal iddedikat lill-Madonna Addolorata. F'dan il-kwadru kien impinġi ukoll San Ġorġ, Santa Venera u San Theramo. Dan il-kwadru jissemma fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Tomaso Gargallo għamel f'din il-Parroċċa fl-1588. Fl-istess Viżta Pastorali jagħmel referenza għal kwadru ieħor fuq l-injam fil-Parroċċa taż-Żurrieq fejn flimkien mal-qaddisa patruna ta' dan ir-raħal, Santa Katarina u San Duminku hemm Maria Addolorata. Pittura oħra tas-seklu sittax tissemma li kienet fil-kappella ta' San Nikola fl-Imdina.

Minkejja dawn huma tliet pitturi li jisemmew bħala minn tal-ewwel nafu ukoll li f'*Abbazija tad-Dejr* li hemm ġo katakombi f'inħawi magħrufa bħala ta' Bir ir-Riebu fir-Rabat hemm affresk li fost figuri oħra juri lill-Madonna taħt żewġ titli differenti. . Hawnhekk insibu xbieha ta' Kristu Msallab u fuq naħa waħda hemm il-Madonna bil-kliem *Mater Dei*, fuq in-naħa l-oħra San Gwann bil-kliem *Joannes*. Din bla dubju ta' xejn hija l-aktar xbieha antika f'pajjiżna tad-Duluri. Fl-istess post insibu pittura oħra tat-tħabbira tal-Anġlu Gabriel lill-Madonna li kellha ssir Omm Alla bit-titlu *Mater Domini*. L-Abbatija tad-Dejr huwa post storiku li beda jintuża fis-sekli bikrin wara Kristu.

Pass important lejn il-kult u d-devozzjoni tal-Madonna taħt dan it-titlu kien meta bdew jitwaqqfu l-fratellanzi tal-Kurċifiss. Dawn indirettament taw spinta qawwija lid-devozzjoni lejn id-Duluri peress li kienu jaħdmu flimkien. F'ħafna każi dawn il-Fratellanzi kienu jużaw l-altar tad-Duluri. Fis-seklu sbatax diġa konna insibu xejn inqas minn tmintax-il fratellanza. Il-kult u d-devozzjoni komplew jikbru u jinfirxu f'diversi rħula oħra ta' Malta u Għawdex fis-seklu tmintax u wara meta bdiet tigi ċċelebrata l-festa tad-Duluri li normalment kienet issir wara l-Għid il-Kbir. Kien propju f'dan is-seklu li bdew ukoll jinbnew kappelli u knejjes iddedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu.

## Kappelli dedikati lid-Duluri

Minbarra il-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar li hija l-unika waħda taħt dan it-titlu, insibu f'Malta xejn inqas minn ħames knejjes żgħar jew kappelli. Ġo Bormla il-Fratellanza tal- Kurcifiss bnew l-oratorju tagħhom u dan huwa ddedikat lill-Madonna Addolorata. Dan kien inbena fl-1739. L-Isqof Bartholomeo Rull fl-1768 kien ta 40 ġurnata indulġenza lil minn jgħid Sliema u Qaddisa f'dan l-Oratorju.



Statwa tad-Duluri - Tal-Pieta

Fl-1592-93 Malta inħakmet mill-pesta. Id-dfin ma kienx isir ġewwa l-Belt u fl-inhawi ta' fejn illum jissejjaħ tal-Pieta kien hemm numru ta' postijiet tad-dfin. Viċin wieħed miċ-ċimiterji kienet inbniet knisja li ġiet iddedikata lill-Madonna tad-Duluri. Kien propju minn din il- kappella li din il-lokalità ħadet l-isem tagħha. Dak iż-żmien l-Isqof kien ħalla din il- knisja f'idejn il- Patrijiet Agostinjani, imma aktar tard minħabba struzzjonijiet li kienu ħarġu mill-Vatikan dwar l-Ordnijiet reliġjużi, kien assenja saċerdot djoċesan sabiex jieħu ħsieb din il-kappella. Għal xi żmien sakemm inbniet il-knisja parrokkjali tal-Furjana, din il-kappella tad-Duluri kienet tagħmel mal-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt li magħha kienu jagħmlu dawn l-inħawi. Dan seħħ wara li r-residenti ta' dawn l-inħawi li kienu aktar minn ħames mija kienu talbu lill-Isqof Michele Mancini sabiex il-lokalità ssir parroċċa separata. Din it-talba ma kientx ġiet milquha. Il-festa u l-purċissjoni tad-Duluri f'dawn l-inħawi fl-antik kienet issir il-Ġimgħa wara l-Ġimgħa Imqaddsa. Illum il- ġurnata din il-festa tiġi ċċelebrata f'nofs ix-xahar ta' Settembru.



Kwadru Titulari Duluri - Tal-Pieta

Fil-Birgu, bħal Bormla l-fratellanza tal-Kurċifiss ukoll bniet l-Oratorju tagħha lejn l-1720 u dan ukoll ingħata it-titlu ta' Maria Addolorata. Il-fratellanza fl-antik matul ir-randan kollu kienu joħorġu proċessjonalment statwa li tfakkar il-



*Kappella tad-Duluri - Ħaż-Żebbuġ*

passjoni ta' Ġesù Kristu u l-ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm kienu joħorġu l-istatwa tad-Duluri. Dawn il-purċissjonijiet kienu jsiru żgur qabel l-1759 peress li jissemmew fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Rull kien għamel.

Bla dubju ta' xejn waħda mill- isbaħ knejjes li hawn ġo pajjiżna hija dik tad-Duluri li tinsab ftit il-bogħod mill-Knisja Parrokkjali ta' San Filep. Din il-kappella hija gustpatronat u kienet inbniet mit-tabib Baldessarre Debono fl-1722. Fuq l-istess post diġa kien hemm kappella oħra li kienet ġiet profanata ddedikata lill-Assunta. Din il-kappella li hi mibnija fi stil barrokk għandha forma ottagonali minn barra u tonda minn ġewwa. Kien ħallas għaliha dan it-tabib devot kbir tal-Madonna u anki ħalla flus għall-manutenzjoni tagħha f'kuntratt li għamel għand in-nutar Ignatius Debono. Il-Papa Benedettu XIII kien onora din il- knisja bit-titlu ta' Bażilka minuri u ġiet affiljata mal-Bażilka Maġġura ta' San Ġwann Lateran f'Ruma. Dan seħħ fl-20 ta' Settembru 1728 fuq talba tat-tabib Debono. Ma' din il-knisja hemm ukoll marbuta indulġenzi li ukoll ingħataw mill-Papa Benedettu XIII għal min jgħid talb li huwa marbut mal-aggragazjoni ta' bejn iż-żewġ knejjes. Il-festa f'din il-knisja kienet tinżamm l-Ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm. Illum il- ġurnata f'din il-knisja għadhom jinżammu festi interni matul l-aħħar ġimgħa tar-Randan.

Fiż-Żejtun fuq l-istess art li fuqha kien hemm mibnija kappella ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-Ruħ u l-Ġisem, u li kienet profanta fl-1618 tliet snin wara inbniet kappella ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena, li huwa traduzzjoni Maltija tal-kelma Pietà. Fl-antik din kienet tissejjaħ ukoll f'xi dokumenti bħala Pietatis u wara tal-Ħniena. It-titular ta' din il-kappella

*ikompli f'paġna 108*

kien juri lill-Madonna Addolorata, u l-festa tagħha kienet tiġi ċċelebrata l-aħħar Ġimgħa ta'qabel Ħadd il-Palm. Kien hemm żmien ukoll li mill-Parroċċa kienet toħroġ purċissjoni għal din il- kappella l-għada tal-Għid il-Kbir.



*Titular tal-Ħniena - Iż-Żejtun*

Kappella oħra bl-istess titlu ta' Madonna tal-Ħniena kienet inbniet fil-Qrendi. Din il-knisja kienet iffrekwentata mhux biss minn nies tal-inħawi imma minn diversi bliet u rħula ta' Malta, fosthom anki kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, tant li nista' ngħid saret Santwarju Nazzjonali. Mill-kwadri tal-Ex-Voto (inkwatri tal-wegħdi) li kien hemm f'din il-kappella, graffiti mal-ħitan tagħha u anki oġġetti oħra li ġew regalati wara li tkun inqalgħet xi wegħda, huma provi biċ-ċar tal-importanza li kellha din il-kappella. Fejn jidħlu graffiti nsibu ħafna li huma xwieni tal-Ordni tal-Kavallieri. Nafu li ħafna kienu l-kavallieri li wara li jiġu minn xi espedizzjoni fuq il-baħar kienu jmorru jitolbu f'dan is-santwarju. Barra hekk kienu jsiru ħafna pellegrinaġġi għal din il-kappella. Ħafna jikkonsidraw dan is-santwarju ddedikat lill-Madonna tal-Pietà bħala t-tieni l-aktar importanti li kien hawn wara dak tal-Madonna tal-Mellieħa. Il- kwadri u tifkiriet oħra jindikaw in-numru kbir ta' wegħdi li kienu jsiru mal-Madonna taħt dan it-titlu. Bi sfortuna kbira l-kappella preżenti li kienet inbniet fl-1678 u hija ta' importanza nazzjonali tinsab fi stat ħażin ħafna ta' konservazzjoni.

Fis-seklu tmintax u wara, din id-devozzjoni kompliet tikber. Għalkemm ma nbnewx aktar kappelli nsibu li f'ħafna knejjes Parrokkjali u oħrajn filjali, daħlet id-devozzjoni lejn id-Duluri bit-twaqqif ta' altari, ċelebrazzjoni tal-festa li xi wħud minnhom bil-purċissjoni. Xejn inqas minn għoxrin belt u raħal f'Malta, fil-knejjes u kappelli nsibu altari ddedikati lill-Madonna Addolorata. F'ħafna każi dawn l-altari nkluż it-titular ikunu ġew irregalati minn individwi permezz ta' kuntratti notarili, xi uħud minnhom anki bħala wegħda. Il-purċissjonijiet bl-istatwa tad-duluri nistgħu ngħidu li bdew fil- bidu tas-seklu dsatax u kienu jsiru fi granet differenti. Illum il- ġurnata tant kibret din id-devozzjoni li l-purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri f'numru kbir ta' bliet u rħula Maltin tinżamm fi żmien meta jkunu qed jiċċelebraw il-Mewt u l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn il-purċissjonijiet li jiġbdu warajhom eluf kbar ta' devoti jkomplu jikkonfermaw kemm din id-devozzjoni kibret u hija ta' mportanza kbira għall-Maltin.